MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 323/2012

**Il-Pulizija**
**(Supt. Silvio Valletta)**
**Vs**
**Omissis**
**David Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 444680(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'xi hin bejn il-hamsa ta' wara nofs inhar u d-disgha ta' filghaxija ta' nhar it-8 ta' Lulju 1998, ikkommetta flimkien ma' persuna oħra, serq ta' flus kontanti minn appartament bin-numru 9, sitwat f'Bishop Caruana Street, l-Imsida, għad-detriment ta' sid l-appartament John Fitz mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur li jeċċedi l-mitt lira Maltin (Lm 100) iżda ma jeċċedix l-elf lira Maltin (LM 1,000) bil-lok u bil-persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-6 ta’ Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-aritkoli 261, 263, 267, 278 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kif miġjuba kontra tieghu u kkundannatu għal sena u nofs piena karċerarja sospiża għal tliet snin, u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ malta, in kwantu l-ispejjeż mhumiex kwantifikati.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-20 ta’ Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant nstab ħati ta’ l-akkużi hekk kif dedotti iżda tirrevokaha in kwantu għall-piena erogata u minflok tipprovdi għal piena aktar mita u idonea.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u ċioe':-

Illi fl-umli fehma tal-appellant,  il-piena kienet waħda eċċessiva u mhux idonea.

Illi ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-anteċedenti penali tal-appellant kienu jimmeritaw li l-Qorti tinfliġġi piena aktar mita u li tista` twassal għal għan riformattiv illi huwa tant importanti fil-kamp penali.

Illi waqt li l-appellant jammetti li żbalja u żbalja bil-kbir, huwa jissottometti li m’huwiex “hardened criminal” u m’għandu l-ebda dispożizzjoni jirrepeti l-aġir tiegħu fil-konfront ta’ xi persuni oħra.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa limitat għall-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti eżaminat l-artikolu li bih kien akkużat l-appellant minħabba serqa li twettqet fis-sena 1998.

Qrat l-atti kollha li minnhom jirriżulta li l-ammont ta' flus misruqa kien ta' Lm970 (illum €2259.50).

Ir-reat kellu wkoll il-gravanti tal-mezz, tal-lok u tal-persuna.

Ma kien hemm ebda appell dwar dawn il-gravanti jew xi wieħed minnhom. Għal dak li l-gravanti tal- valur japplika l-artikolu 279(a). Iżda la s-serq huwa akkumpanjat bil-kwalifika tal-'mezz' japplika l-artikolu 280(2). Iżda l-artikolu 278(3) jiddisponi kif ġej:

*'Jekk is-serq, barra mill-kwalifika tal-mezz, ikun akkumpanaat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-vjolenza, il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.'*

'Il-piena fuq imsemmija ' hija piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin. Jekk din tiżdied bi grad, allura l-piena ssir minn seba' xhur sa erba' snin. U din ma tistax tingħata fil-minimum u allura l-minimum ta' piena karċerarja possibbli huwa ta' 20 xahar u għoxrin ġurnata.

Minn dan il-kalkolu jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati lanqas biss twassal sal-minimum.

Il-Qorti nnutat ukoll li dan il-każ dam ikarkar mill-1998. Il-Qorti tal-Maġistrati li tat is-sentenza wirtet il-kawża minn għand Maġistrat ieħor u kemm-il darba talbet biex jinħatar prosekutur ġdid ġaladarba l-ewwel prosekutur kien irtira mill-Korp. Barra dan saħqet fuq id-difiża biex ittella' x-xhieda tagħha u tagħmel in-Nota iżda ma kienx hemm rispons għal dan kollu. Lanqas ma jirriżulta li sar xi ħlas lura tal-flus lid-derubat.

Isegwi li l-Qorti ma tistax tara għaliex għandha tbiddel il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati jew li tibdilha f'waħda ta' probation jew liberta' kondizzjonata.

Il-Qorti nnutat ukoll li s-sentenza tal-Maġistrati ngħatat fis-6 ta' Ġunju, 2012. L-appell kien intavolat fl-20 ta' Ġunju, 2012. Il-Qorti għaddet il-jiem ta' xogħol billi (a) eskludiet is-6 ta' Ġunju 2012 – għax 'dies a quo non computatur in termine'; is-seba' ta' Ġunju (btala pubblika); id-9 u l-10 ta' Ġunju (is-Sibt u l-Ħadd); is-16 u s-17 ta' Ġunju (is-Sibt u l-Ħadd) u sabet li t-tmint ijiem ta' xogħol li tagħti l-liġi biex isir l-appell kienu jagħlqu fid-19 ta' Ġunju 2012. Għalhekk l-appell sar jum ta' xogħol aktar tard minn dak previst mil-liġi. Dan huwa punt ta' ordni pubbliku u jista' jitqajjem mill-Qorti ex-ufficio.

Madanakollu, il-Qorti xorta għarblet il-provi kollha li hemm fil-proċess biex tiżgura li ma ssirx xi inġustizzja.

**Konklużjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija, il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-appellant u, waqt li qed tiddikjara li l-appell kien intavolat barra t-terminu preskritt mil-liġi, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Omissis u David Vassallo' fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------